MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 1162/2008

GO plc (C22334)
vs
Joseph Degiorgio

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` GO p.l.c. li bih esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta kontra Joseph Degiorgio (Cit. Nru. 1658/96NA) giet deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 1997, u fl-istess kawza l-konvenut gie ikkundannat ihallas lis-socjeta` rikorrenti 's-somma ta’ seba’ mija u tnax-il lira Maltin u ghaxar centezmi valuta antika (Lm712.10), illum ekwivalenti ghal elf sitt mija tmienja u hamsin Euro hamsa u sebghin centezmu (€1,658.75), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 451797.

Illi s-socjeta` rikorrenti qabel kienet maghrufa bhala Korporazzjoni Telemalta u anke bl-isem ta' Maltacom p.l.c., u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita` guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet baqa' l-istess, cioe` C22334.

Illi mill-imsemmija somma l-intimat ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre tliet mija sebgha u erbghin Euro u dsatax-il centezmu (€347.19) spejjez u drittijiet professionali skond it-taxxa annessa mar-rikors u immarkata Dokument "A", kif ukoll sitt mija hamsa u erbghin Euro erbgha u sittin centezmu (€645.64), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-20 ta' April, 2008, u ghalhekk l-ammont dovut lir-rikorrenti huwa ta' elfejn sitt mija wiehed u hamsin Euro tmienja u hamsin centezmu (€2,651.58), salv kull imghax u spejjez ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin u s-socjeta` rikorrenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.
Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' l-intimat Joseph Degiorgio li biha espona:

1. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija intmpestiva u ghandha tigi rigettata bl-ispejjes kontra taghha, il-ghaliex ma setghet qatt titlob li tigi awtorizzata biex tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi sentenza (li kopja legali taghha jew ma gietx prezentata jew ma gietx notifikata lill-intimat), jekk, jew qabel ma tkunx talbet li tali sentenza tigi rinovata;

2. Illi ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-azzjoni promotorja hija preskritta a tenur ta' l-Art 2156 (f) tal-Kodici Civili (kif korret minn Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) b'digriet tal-21 ta' Jannar 2009) tal-Ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Aldo Testone, Registratur Qrati Civili u Tribunali, u esebixxa sentenza ta' l-20 ta' Jannar 1997.

Xehed il-P.L. Noel Scerri li ghandu r-rapprezentanza legali tas-socjeta` rikorrenti u qal li miz-zmien tas-sentenza sal-lum il-pozizzjoni ghadha dik indikata fir-rikors promotur u ma sar ebda hlas.

Rat li fid-29 ta' Settembru 2009 giet prezentata nota ta' ammissjoni ta' l-intimat Joseph Degiorgio.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-intimat, it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha u qed tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------